MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 220/1994/2

**Mario Borg ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta' *Modern Bathrooms Ltd***

**vs**

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Farrell**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fis-17 ta' Frar, 1994, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef mitejn u wiehed u ghoxrin lira u erba' centezmi (Lm3,221.04), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' *"bathroomware"* u *tiles* lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u *in vista* tal-affidavit ta' Mario Borg (Dok A) m'ghandhiex:

1. Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,221.04, fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Settembru, 1993 u bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu, 1988, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt *in subizzjoni*.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-21 ta' Frar, 1994, li *in forza* taghha fil-kontumacja tal-konvenut, ddecidiet billi laqghet it-talbiet attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub, kompriz il-kap ta' l-ispejjez u interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv;

Rat l-appell interpost mill-konvenut;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997, li *in forza* taghha ddikjarat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-21 ta' Frar, 1994, hija irrita, nulla u bla effett fil-ligi *in kwantu* hu provat li n-notifika ta' l-atti lill-konvenut kienet ghal kollox irregolari u konsegwentement irrevokat l-istess sentenza u irrimettetiet l-atti quddiem din il-Qorti biex il-kawza titkompla tistema' bil-procedura ordinarja wara li l-istess atti jigu debitament u korrettement notifikati lill-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni *a tenur* tal-art. 2148(b) u tal-art. 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Fit-tieni lok l-ecceppjent hallas ghal dak kollu illi kien xtara minghand l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur *noe*;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob hlas tas-somma ta' Lm3,221.04, bilanc ta' somma akbar, prezz ta' *bathroom ware* u madum mibjugha u konsenjati lill-konvenut. Il-konvenut qed jecepixxi, fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taht l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (li jittratta fuq l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut), u l-preskrizzjoni ta' hames snin taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (li jittratta fuq l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku). Fit-tieni lok, il-konvenut jecepixxi il-pagament ta' dak kollu illi kien xtara minghand l-attur.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghandu jinghad li fil-waqt ta' kaz ta' bejgh bl-imnut, il-preskrizzjoni hi dik ta' sena u nofs, f'kaz ta' bejgh bil-grossa, il-preskrizzjoni hi dik ta' hames snin (ara "Calleja vs Petroni", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Novembru, 1982; "Gauci vs Galea", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Lulju, 1989; u "Brincat vs Edible Oil Refining Co. Ltd", deciza mill-

Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Jannar, 2001). Biex jigi deciz jekk bejgh kienx sar bil-grossa jew bl-imnut, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Borg vs Bonello noe", deciza fis-26 ta' Gunju, 1970, kienet osservat illi l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossist mid-dettaljatur hu li *"Il primo vende per lo piu' a coloro che commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu' ai consumatore, e in piccole quantita' misurate dal bisogno di costaro"* – Vol. XIII.294. Intqal ukoll, *pero'*, li l-ligi fid-disposizzjoni *in ezami* ma tharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista hemm tad-dettaljatur, imma thares biss lejn il-vendita' fiha nnfisha *"e se questa e' fatta al minuto, cioe', in picola partita, esse soggiace alla prescrizione breve di dicotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore, sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista vende in qualche cosa particolare le sue merce in dettaglie"* – Vol. XXI.I.406.

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju izomm li fil-kaz *in partikolari* n-negozju kien isir dejjem bil-grossa. Il-konvenu stess jammetti li hu, fil-bidu, kellu negozju ta' *ironmongery*, *pero'*, ried ikabbar in-negozju u jiftah hanut iehor li jbiegh il-*bathroom fittings*. Hu irranga mas-socjeta' attrici biex din tbieghlu kwantita' ta' *bathroom fittings at cost price*, u wara li sar qbil fuq dan, il-hanut kien jordna l-kwantita' li jkollu bzonn minghand is-socjeta' attrici, u din, *da parti* taghha, kienet takkwista l-konsenja minghand il-principali taghha minn barra. Il-merkanzija, meta tasal Malta ghand il-kumpanija attrici, kienet jew tigi konsenjata fil-hanut tal-konvenut jew kien jigborha mill-*warehouse* tas-socjeta' attrici l-konvenut stess jew rapprezentant tieghu. Il-konvenut, imbaghad, kien ibieghha lill-konsumatur bi prezz li, ovvjament, ikun ghola minn dak li jkun hallas hu ghall-oggett u dan sabiex jaghmel il-qligh tieghu.

Darba, mela, li n-negozju kien wiehed bil-grossa, il-preskrizzjoni sollevata ta' tmintax-il xahar *a bazi* tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili mhiex applikabbli u l-eccezzjoni relattiva qed tigi michuda.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ta' hames snin, *a bazi* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, jirrizulta pruvat u mhux kontestat li fl-24 ta' Lulju, 1989, sar pagament akkont ta' Lm500. Issa, kif inhu risaput, fil-waqt li l-eccezzjoni tal-pagament mhux wahda minn dawk ta' inkompatibilita' mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Vol. XXX.I.964), il-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol. XXIX.I.755). L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Sammut vs Vella" deciza fil-31 ta' Mejju, 1995, ukoll osservat illi l-preskrizzjoni estentiva tigi interrotta bil-pagament ta' parti mill-ammont li jkun qed jigi mitlub mill-attur. Dan il-principju, fuq kollox, huwa imfisser b'mod car fl-artikolu 2134 tal-Kodici Civili.

Issa, kif jiddisponi l-artikolu 2136 tal-Kodici Civili, meta l-prekrizzjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghal biex wiehed jippreskrivi; il-preskrizzjoni, *pero'*, tista' tibda miexja mill-gdid.

F'dan il-kaz, il-preskrizzjoni relattiva giet miksura bil-pagament akkont li sar fl-24 ta' Lulju, 1989, u minn dik id-data, il-preskrizzjoni regghet bdiet miexja mill-gdid, izda din il-kawza giet istitwita qabel l-gheluq ta' hames snin mid-data tal-interruzzjoni. L-interruzzjoni, fil-fatt, saret fl-24 ta' Lulju, 1989, u din il-kawza giet presentata fis-17 ta' Frar, 1994, entro l-perjodu ta' hames snin. Ghal kull buon fini, jinghad li citazzjoni presentata fi zmien utili hija bizzejjed biex tinterompi l-preskrizzjoni, *nonostante* l-fatt li l-konvenut jista' jigi notifikat wara l-gheluq tat-terminu – "Bonello vs Bonello", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' April, 1983, u "R von Brockdorff Insurance Agency Ltd vs Ellul", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1999.

Barra minn dan, hemm diversi fatturi ohra li jwasslu ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Hekk, il-posizzjoni li ha l-konvenut f'din il-kawza mhiex li hu mhux debitur, izda li ma jaqbilx mal-ammont mitlub, u kif intqal fil-kawza "Gialanze vs Rizzo", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998, id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li rrinunzja ghall-

preskrizzjoni. L-istess posizzjoni ittiehdet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Guillaumier vs Aveta", deciza fid-9 ta' Dicembru, 1998, u fil-kawza "Azzopardi vs Cassar", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut offra somma ta' flus ghas-saldu tal-pretensjoni attrici, u din ukoll, skond il-gurisprudenza, titqies rinunzja ghall-preskrizzjoni u rikonoxximent tad-dejn – "Kpmg vs Leisure Clothing Ltd", deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fit-28 ta' Mejju, 2003, u "Manche' vs Said", deciza fl-istess jum minn din il-Qorti. Dik il-laqgha li fiha il-konvenut ghamel din l-offerta, saret ftit wara l-elezzjoni generali tal-1996, u, *cioe'*, fil-mori ta' din il-kawza, u tali rikonoxximent u offerta ta' hlas twassal ghall-rinunzja tal-preskrizzjoni, anke jekk ikun ghadda z-zmien ghall-preskrizzjoni favur tieghu – Vol. XLIII.II.684.

*Kwindi*, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni bazata fuq l-artikolu 2156(f) hija insostenibbli u ghandha tigi michuda.

Ghar-rigward il-meritu tal-azzjoni, il-konvenut qed jghid li l-ammont mhux dovut peress illi x'uhud mill-oggetti konsenjati, li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob hlas, ma kienux gew ordnati minnu u konsenjati lilu, izda gew ordnati minn u konsenjati lil *partners*/impjegati/mandatarji tieghu, certi Mario Farrugia u Charles Farrugia, li agixxew f'isimhom proprju. Il-konvenut, wara li ezamina l-*invoices* li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, ma setax, *pero'*, jghid *"liema invoices jirreferu ghall-oggetti li hadt jiena u liema invoices jirreferu ghall-ordnijiet li ghamlu huma stess ghalihom infushom"*.

L-allegazzjoni li l-mandatorju tieghu (u qed tigi uzata din in-nomeklatura ghax il-konvenut cahad bil-qawwa kollha li Charles Farrugia kien *partner* u lanqas ma jirrizulta li kien impjegati tieghu; jidher li kienet persuna imqabda minnu biex tassistieh fil-*business*) agixxa *"ghalihom infushom"* hija allegazzjoni li ghamilha u jrid jippruvaha l-konvenut. Hu ammess mill-konvenut li kien hemm zmien fejn kemm Mario Farrugia kif ukoll Charles Farrugia, *"kienu tnejn min-nies li setghu jaghmlu ordni ghan-nom tieghi"* – depozizzjoni tal-konvenut stess *a fol.* 263 tal-process. Is-

socjeta’ attrici, *kwindi*, kienet gustifikata tqis ordnijiet m’ghamulha minn dawn it-tnejn bhala li saru f’isem il-konvenut li f’ismu kien in-negozju. Il-konvenut jkompli jghid li ma jistax, *pero’*, jeskludi li dawn it-tnejn ghamlu xi ordnijiet ghan-nom taghhom ukoll. Dan hu veru, *pero’*, huwa obbligu tal-konvenut li jipprova li, ghal ordnijiet partikolari, dawn agixxew f’isimhom u mhux f’isem il-mandant taghhom. Fil-konfront tat-terz, is-socjeta’ attrici, dawn iz-zewg persuni gew imressqa quddiemha bhala li jistghu jagixxu ghan-nom tal-konvenut, u *kwindi*, sakemm ma jirrizultax xort’ohra, it-terz bir-ragun kien iqis kull ordni maghmula minn dawn iz-zewg persuni bhala maghmula f’isem il-principal taghhom. Jekk il-mandant jghid li l-ordnijiet ma sarux f’ismu, irid jipprova dan, izda, kif inghad, lanqas seta’ b’mod kategoriku jafferma li dawn il-persuni fil-fatt, agixxew f’isimhom *proprio* (jghid biss li *“jista’ jkun”* li agixxew hekk), u, f’kaz, li agixxew f’isimhom *proprio*, ma setax lanqas jindika liema ordnijiet saru minn dawn il-persuni f’dik il-vesti.

Charles Farrugia, persuna li kienet tghin lill-konvenut, gharaf il-firma tieghu fuq xi *invoices* u *delivery orders*, u ma eskludhiex li seta’ iffirma ghall-konsenja li hu ircieva f’isem il-konvenut, liema konsenja tkun inghatat lilu peress li siehbu l-konvenut ma jkunx fil-hanut tieghu. Dan ix-xhud stqarr li jekk ordna xi haga hu ghalih, hu dejjem hallas mal-konsenja (ghalkemm ma kienx f’posizzjoni li jipproduci ricevuti), *pero’*, stqarr li jista’ jkun li iffirma ghal xi konsenja ta’ *bathrooms* u/jew *fittings* li ma kienux ghalih, izda destinati ghall-konvenut. Fil-fatt, hu jghid li meta kien jordna xi haga ghalih, hu stess kien imur ghall-konsenja u din ma kienetx tigi *delivered*. Din ix-xhieda bl-ebda mod ma tissufroga lill-konvenut fit-tesi tieghu li ghal xi ammonti li taghhom is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas, hu mhux responsabbli.

Is-socjeta’ attrici, ghax hekk infurmata mill-konvenut stess, accettat li tiehu ordnijiet minghand Mario Farrugia u Charles Farrugia bhala mandatarji tal-konvenut. Biex jinholoq kuntratt ta’ mandat ma hi rikjesta ebda formalita’. F’dana s-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna: *“Si fatto mandato non occorreva che fosse in*

*iscritto per esse valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili; nessuma limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge"* – "Galea vs Gauci", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 1931, (ara wkoll "Vella vs Vella" deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 1947, u "Rizzo Bamber vs Rizzo", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar, 1950). Min-naha l-ohra, jekk il-konvenut ittermina dan l-inkarigu lil dawn il-persuni (meta ma baqghux jahdmu flimkien), kien obbligu tieghu li jinforma lis-socjeta' attrici b'dan, u jekk il-konvenut ma avvzax lit-terz li l-mandat gie terminat, dak li l-mandatarju jinnegozja mat-terz, jorbot lill-mandant, jekk lanqas il-mandatarju ma jinforma lit-terz li hu, min dak il-mument 'il quddiem, ikun qed jagixxi ghalih innissfu – salv id-dritt ta' ridress ghad-danni *da parti* tal-mandant versu l-mandatarju. Jekk mandat jigi terminat, it-terz irid ikun avvzat, ghax jekk bejn it-terz u l-mandatarju jkun hemm sensiela ta' transazzjonijiet li dejjem ikunu gew onorati mill-mandant, it-terz ma jistax *ex post facto* jigi rienfaccjat bl-allegazzjoni tal-principal li l-mandat kien spicca zmien qabel. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Pisani vs Busietta noe", deciza fit-13 ta' Lulju, 1990, b'approvazzjoni ta' dak li jissottometti l-awtur Stevens fil-ktieb *"Elements of Mercantile Law"*, *"where the agent is acting within his 'ostensible authority' a secret limitation of the authority is no answer to the claims of those who are not aware of any limitation"*. Il-mandant, allura, ma jistax jichad l-obbligazzjonijiet tieghu lejn it-terz li mieghu il-mandatarju jkun kkontratta (*ai termini* tal-artikolu 1880 tal-Kodici Civili), meta jkun hemm *past history* ta' adezzjoni ghall-agir tal-mandatarju *da parti* tal-mandant, u l-mandant ma jinfurmax lil min hu interessat li dik ir-relazzjoni spiccat.

Minbarra dan, ma jirrizultax li, bhala fatt, il-konvenut ma hax konsenja tal-oggetti li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas. L-attur u ufficcjali ohra tas-socjeta' attrici ikkonfermaw li meta ghamlu konsenja huma tal-merkanzija, din dejjem saret fl-*istores* jew fil-hanut tal-konvenut, lill-fejn kienet tkun dejjem indirizzata l-merkanzija. Meta l-konvenut ordna konsenja kbira li gietu f'*container* shih, il-*Manager* tas-socjeta' attrici, Hector Chetcuti, ikkonferma li hu kien presenti meta dan il-

*container* kien inhadd fl-*istore* tal-konvenut; parti mis-somma mitluba tirrappresenta parti mill-prezz ta’ din il-konsenja.

Lill-konvenut kien jintbaghat *invoices* u *statements* fuq bazi regolari, u qatt ma gie lura b’cahda li kien ircieva xi konsenja partikolari. Id-dirigenti tas-socjeta’ attrici gieli ltaqghu mal-konvenut u fakkruh fuq l-ammont dovut, u l-konvenut qatt ma qal li ma kienx hu li xtrahom. Dawn huma kollha cirkustanzi li jindikaw li l-merkanzija *in kwistjoni* fil-fatt giet kollha konsenjata lil u accettata mill-konvenut li, ghandu, ghalhekk, obbligu li jhallas ghal dawk l-oggetti minnu mixtrija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkluzi dawk tal-preskrizzjoni, u tghaddi biex tilqa’ it-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3,221.04 (tlett elef, mitejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u erba’ centezmi), bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, bl-imghax legali ta’ 8% mill-1 ta’ Marzu, 1988, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk gia decizi, jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------